# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**30 ta' Jannar 2019**

**Rikors Numru: 126/2018 RM**

**Anthony Galea**

**Vs**

**Wayne Ciantar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-atturipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-25 ta' Mejju 2018, fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut prevja kull dikjarazzjoni ta' din il-Qorti hekk meqjusa neccessarja, ihallsu s-somma ta' hamest elef, sitt mija u wiehed u ghoxrin ewro (€5,621) rapprezentanti din is-somma dak il-bilanc dovut lilu minnhu, mill-prezz pattwit bejniethom sabiex huwa ghamillu u kkunsinnalu numru ta' ghamajjar.

Bl-imghax fuq dan l-ammont, u bl-ispejjez kontra l-intimat, inkluz tal-ittra ufficjali datata 25 ta' April 2018, bir-riferenza numru 1122/2018 (Dok. A), u li minn issa jinsab ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Wayne Galea pprezentata fit-3 ta' Lulju 2018 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

*Illi t-talba rikorrenti timmerita illi tiġi miċħuda bl-ispejjeż għar-raġunijiet segwenti:*

1. *Illi fl-ewwel lok tali azzjoni tal-attur hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut, fl-2015, kien ghamel ordni ta' diversi bicciet ghamara fosthom bibien interni, xi units fil-kmamar tal-banju, xoghol fil-kcina eziztenti u walk in wardrobe.*

3. *Illi l-ftehim bejn il-partijiet kien li tali xoghol kellu jitlesta kollu sa qabel it-tieg tal-istess konvenut Ciantar u cioe sa Lulju 2016.*

4. *Illi ghad li l-attur thallas diversi pagamenti u dan kif ser jintwera matul il-kawza, x-xoghol li kien inkarigat jaghmel l-attur mhux talli ma tlestiex sad-data miftehma izda ghadu inkompjut sal-lum.*

5. *Illi mix-xoghol kollu miftiehem bejn il-partijiet, l-attur hadem biss il-bibien interni, zewg units fil-kmamar tal-banju u parti mix-xoghol li kellu jsir fil-kcina.*

6. *Illi apparti dan kagun ta' xoghol hazin u b'mod traskurat li sar mill-istess attur, saret hsara fil-parquet fil-fond tal-konvenut kif ukoll fl-ghamara li hadem l-attur stess u dan kif ser jinterwa wkoll matul it-trattazzjoni tal-kaz.*

7. *Illi apparti dan l-attur ma tax l-ircevuti fiskali kollha tal-flus li thallas mill-konvenut u bhala rizultat l-konvenut tilef ukoll l-opportunita li jitlob rebate skond skema li kienet tezisti ghal min kien qieghed jizzewweg dak iz-zmien.*

8. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi permezz ta' digriet moghtija mis-STO il-Prim'Imhallef din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta fis-16 ta' Lulju 2018;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2018 fejn in vista tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, ordnat li tigi deciza qabel kollox din l-istess eccezzjoni;

Semghet il-provi u rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut[1];

Ikkunsidrat;

Illi bl-ewwel eccezzjoni tieghu fir-Risposta ghar-rikors promotur[2] il-konvenut jeccepixxi illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema preskrizzjoni ggib l-estinzjoni tal-azzjoni b'gheluq ta' tmintax il-xahar fil-kaz ta':-

"*l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara, u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu.*"

Jinsab pacifikatament ritenut[3] illi meta l-konvenut jeccepixxi l-preskrizzjoni, il-Qorti qabel xejn trid tezamina jekk il-preskrizzjoni eccepita hijiex opponibbli ghat-talba u ghall-azzjoni kif imfassla u, f'kaz affermattiv, ghandha tipprocedi biex tiddetermina d-data li minnha ghandu jitqies li dak it-terminu preskrittiv beda jiddekorri (jekk il-preskrizzjoni m'hijiex altrimenti sospiza ai termini tal-Artikoli 2123 *et seq.* tal-Kodici Civili) u jekk dak it-terminu, jekk iddekorra, giex interrott ghal motiv dedott mill-parti kontra min giet sollevata l-eccezzjoni.

Jinsab ukoll assodat illi meta l-Qorti tiddetermina li l-preskrizzjoni partikolari eccepita mill-konvenut, m'hijiex dik applikabbli ghall-azzjoni, m'huwiex kompitu taghha li tistabbilixxi u tapplika hija stess liem'hija l-preskrizzjoni applikabbli, ghaliex huwa

---

[1] Seduta tad-29 ta' Novembru 2018.
[2] 3 ta' Lulju 2018, fol. 7.
[3] **Fenech Plant Hire Limited vs P. Montebello** – Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), deciza 13 ta' Marzu 2009.

vjetat it-tqanqil u applikazzjoni *ex officio* mill-Qorti tal-preskrizzjoni[4]. In-natura odjuza tal-eccezzjoni tesigi wkoll li tinghata interpretazzjoni u tifsira restrittiva tal-eccezzjoni, b'mod illi kull dubju dwar l-applikabbilita` taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, ghandu jmur kontra l-eccipjenti tal-preskrizzjoni.

Korollarju ta' dan huwa illi jekk il-konvenut ma jindikax espressament u b'mod sufficjentement car il-preskrizzjoni eccepita, bl-indikazzjoni tal-Artikolu u s-subinciz specifiku, l-eccezzjoni ma ghandhiex tigi kkunsidrata mill-Qorti u ghandha tigi mwarrba[5]. Kif ritenut in propositu mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Benny Camilleri vs Ian Schembri et**[6], il-Qorti ma tista' tikkonsidra ebda preskrizzjoni hlief dik specifikatament eccepita u ma tistax lanqas tapplika terminu iehor ta' preskrizzjoni.[7]

Ikkunsidrat;

In materja tal-preskrizzjoni partikolari eccepita mill-konvenut fil-kawza odjerna, cioe` dik kontemplata mill-Artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16, il-gurisprudenza tal-Qrati taghna hija konkordanti fis-sens illi dan l-Artikolu ma jikkontemplax bejgh la bl-imnut u lanqas bl-ingrossa[8], izda jolqot biss il-krediti tal-artefici msemmija fis-subinciz relattiv, li jipprestaw l-opera taghhom. F'dan is-sens, dan l-Artikolu ma japplikax lanqas ghall-kaz ta' semplici fornitura ta' materjal mill-appaltatur tal-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew[9].

Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-kaz huwa evidenti illi ghalkemm l-attur jista' jkun wiehed mill-artiggjani msemmija mill-Artikolu 2148(a), it-talba tieghu m'hijiex semplicement

[4] Artikolu 2111 tal-Kodici Civili.

[5] Vide **Coleiro General Supplies Limited vs Sandringham Limited**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Settembru 2016.

[6] Deciza 16 ta' Dicembru 2002.

[7] Ara wkoll **George Cini vs Rita Camilleri**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-26 ta' Lulju 1979.

[8] **Euro Concrete Blocks Limited vs Montebello Tyres Limited et**, deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-16 ta' Marzu 2016.

[9] **Lawrence Formosa et vs Anthony Borg pro et noe**, deciza mill-Qorti tal-Appell, 27 ta' Jannar 1997.

ghall-hlas ta' kreditu ghall-prestazzjoni tal-opra tieghu, u ghalhekk, il-hlas mhuwiex mitlub minn artefici li ppresta biss l-opera tieghu skont kif imfisser fil-gurisprudenza in materja. Huwa fatt mhux ikkontestat u sahanistra jirrizulta mit-termini tar-Rikors promotur u mir-Risposta tal-konvenut, illi l-attur gie mqabbad mill-konvenut sabiex, oltre li jaghmel xi xoghol fil-kcina ezistenti tal-konvenut, jahdem u jissupplixxi numru ta' ghamajjar fosthom bibien interni, diversi *units* u *walk-in wardrobe*. Mid-dokumenti esebiti mill-konvenut innifsu[10], huwa evidenti li l-attur fornixxa jew kellu jfornixxi wkoll il-materjal biex jistghu jigu ezegwiti dawn ix-xogholijiet u prodotti l-ghamajjar li kellhom jigu suppliti lill-konvenut, fosthom materjal ta' injam, hgieg, *handles*, *locks* u mirja[11].

Ikkunsidrat;

Illi l-qrati taghna minn dejjem gharfu d-distinzjoni li tezisti bejn id-dispost tal-ligi fl-Artikolu 2148(a) u d-dispost tal-Artikolu 2149(a) in materja ta' preskrizzjoni[12], liema disposizzjonijiet ghalkemm ghandhom certa affinita` bejniethom, jippreskrivu terminu ta' preskrizzjoni differenti ghall-estinzjoni tal-azzjoni relattiva. Kif inqtal, l-insenjament pacifiku in materja jirritjeni illi l-preskrizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2148(a) tapplika ghal krediti ta' artifici li jipprestaw l-opra taghhom, filwaqt li fil-kaz tal-Artikolu 2149(a):-

"*... ... ... il-preskrizzjoni tirriferixxi ghall-krediti ta' dawk li fihom tkun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xoghol ('opus') minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies ta' l-importanza tas-somministrazzjonijiet.*"[13]

[10] Dok. GMF1, GMF2, GMF3 u GMF4 a fol. 14 *et seq.*

[11] Dok. GMF1 u GMF2 a fol. 14 u 15.

[12] Ara **Evan Balzan vs Mary Grace Farrugia**, deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) b'sentenza tal-25 ta' Frar 2015, li citat *inter alia* minn sentenza tal-Qorti tal-Kummerc riportata fil-**Vol. XLII P III p. 1151**.

[13] **Evan Balzan vs Mary Grace Farrugia**, *supra.*

Is-sentenza celebri in materja tad-definizzjoni tal-krediti kolpiti bil-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2148(a) a differenza minn dawk kolpiti bil-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2149(a), hija dik riportata f'Vol. XXXVIII P. III p. 710, fejn intqal illi l-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2148(a):-

"*... ... ... tirriferixxi ghal-lokazzjoni ta' opera li biha dawk il-persuni jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal-locatio operis li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, izda <u>l-prodott tax-xoghol</u> - meta l-lokazzjoni d' opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lil-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali.*"[14] [enfasi ta' din il-Qorti]

Ikkunsidrat;

Illi mizmum ferm il-premess, huwa manifest li l-azzjoni tal-attur ghall-hlas tal-kreditu naxxenti min-negozju konkluz bejn il-partijiet m'hijiex kolpita bil-preskrizzjoni eccepita mill-konvenut a tenur tal-Artikolu 2148(a), u dan ghaliex ghan-negozju konkluz bejn il-partijiet kien wiehed ta' *locatio operis*[15] fejn l-attur, kif gia` nghad, ippresta kemm l-opra tieghu kif ukoll il-materjal mehtieg biex jissupplixxi finalment, *inter alia*, il-prodott tax-xoghol tieghu (*opus*) konsistenti f'diversi ghamajjar.

Konformament, il-Qorti tqis illi l-fattispecji ta' dan il-kaz ma jirrientrawx taht il-kappa tas-subinciz (a) tal-Artikolu 2148 kif eccepit mill-konvenut u ghalhekk, il-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar kontemplata minn dan l-Artikolu, m'hijiex applikabbli. Billi l-konvenut ma indika ebda dispozizzjoni ohra tal-ligi in sostenn tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnu sollevata fir-Risposta tieghu ghar-rikors promotur, il-Qorti hija prekluza, fuq l-iskorta tat-taghlim fuq espost in materja ta' preskrizzjoni,

---

[14] Citata fis-sentenza **Langdale Limited vs Jon David Limited** deciza (Appell.Inferjuri) fit-3 ta' Novembru 2005.

[15] L-Artikolu 1633 tal-Kapitolu 16 jipprovdi illi:- "*Meta wieħed jiġi mqabbad għal xi xogħol, jista' jiġi miftiehem li hu għandu jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella li jagħti wkoll il-materjal.*"

milli tapplika jew taghti effett hija stess ghal terminu iehor ta' preskrizzjoni li ma gietx eccepita espressament mill-konvenut.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li tista' tieqaf hawn u tqis li m'huwiex mehtieg fic-cirkostanzi illi jigi kkunsidrat jekk kienx hemm, kif sottomess mil-abbli difensur tal-attur, accettazzjoni tal-kreditu jew interruzzjoni tal-preskrizzjoni bil-firma tal-konvenut fuq il-kont datat 22 ta' Lulju 2016 (Dok. GMF2), u lanqas li jigi kkunsidrat jekk il-preskrizzjoni eccepita ghandhiex ikollha effett bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili kif emendati bl-Att I u VII tal-2017.

Madanakollu, ma tistax twarrab il-konsiderazzjoni illi, kif tajjeb rilevat mill-abbli difensur tal-attur waqt it-trattazzjoni ta' din l-eccezzjoni[16], l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija inkompatibbli mal-eccezzjoni l-ohra sollevata mill-konvenut dwar ix-xoghol allegatament hazin li sar mill-attur[17]. Huwa ormai pacifiku fit-taghlim gurisprudenzjali tal-qrati, illi jezistu sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eccepita ma jibqaghlha l-ebda valur meta din takkompanja eccezzjoni ohra li maghha hija inkompatibbli.

"*Dan jigri, tipikament, fejn l-attitudni tad-debitur ma tkunx dik tad-difiza tal-inezistenza tad-debitu jew tac-cahda tad-dritt u l-azzjoni tal-attur, izda tas-semplici kontestazzjoni tal-ammont jew ahjar kif jinghad f'din il-kawza il-quantum huwa esagerat. Konformement bhal fil-kaz tal-eccezzjoni tal-kompensazzjoni, eccezzjoni konsimili timporta rikonjizzjoni tad-dejn u dan ir-rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni, u jimporta wkoll rinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun gja kompjuta.*"[18]

---

[16] Seduta 29 ta' Novembru 2018.

[17] Ara s-sitt eccezzjoni fir-Risposta tal-konvenut tat-3 ta' Lulju 2018.

[18] Vide **Peter Busuttil vs Public Broadcasting Services Limited**, deciza fit-28 ta' April 2004 mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri.

Fis-sentenza appena citata (Busuttil v. Public Broadcasting Services Limited), il-Qorti citat mit-Troplong ("*Prescrizione*" No. 67) illi fisser li:-

"*… … … quando il debitore senza negare in sostanza di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, vi ha rinunzia tacita alla prescrizione*".

Fil-fehma tal-Qorti, l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut li x-xoghol mertu tal-kreditu pretiz sar hazin, jimporta rikonoxximent li l-kreditu huwa ezistenti, ghad mhux fl-ammont mitlub izda f'ammont inferjuri minn dak reklamat. Il-Qorti tifhem illi din ix-xorta ta' eccezzjoni ssarraf f'rinunzja tacita tal-preskrizzjoni b'mod illi anke jekk iz-zmien ghall-preskrizzjoni jkun gia' kompjut, tezisti inkompatibbilita` irrikonciljabbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Finalment, in propositu u kif ritenut fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Ramel u Zrar Ltd vs Mixer Ltd gja Planka Limited et**[19]**,** inghad li l-gharfien tal-kreditu da parti tad-debitur lanqas ma huwa mehtieg li:-

"*... ikun dwar il-kwantita` jew il-kreditu kollu pretiz mill-kreditur, peress li dak l-gharfien jista' wkoll jirrigwarda kreditu li ghadu mhux likwidu. Ghalhekk, meta d-debitur ma jichadx id-dejn imma jikkontesta l-ammont tieghu, ikun qieghed jinterrompi u bla ma jrid izomm iz-zmien preskrittiv li jkun beda jghaddi, u dan jghodd ukoll jekk tali gharfien isir wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni;*"

Konformament mal-konsiderazzjonijiet premessi, il-Qorti qieghda tammetti dak sostenut mill-attur illi l-istess preskrizzjoni tinsab imxejna b'rikonoxximent tad-debitu u allura bir-rinunzja ghall-preskrizzjoni, u tqis illi fi kwalsiasi kaz, il-linja difensjonali esposta mill-konvenut hija kunfliggenti mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, liema eccezzjoni ghaldaqstant ma tistax treggi.

---

[19] Deciza fl-24 ta' April 2004.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi l-azzjoni attrici m'hijiex preskritta a tenur tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 u filwaqt li tichad ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**L-ispejjez ta' dan l-episodju jhallashom il-konvenut.**

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**

**Annalise Spiteri**
**Deputat Registratur**